BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qed nigi nkarigat mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami sabiex ninfurmakom li l-laqgha tal-Kunsill numru Wiehed u Tletin tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara qed tigi posposta ghan-nhar il-Hamis. 2 ta' Ottubru 2008 fis-6:30pm, gewwa l-ufficcju tal-Kunsill u bl-istess agenda.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

---

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 30**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Rapport mis-Sotto Kumitat Gieh Sir Anthony Mamo**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 23**
6 **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**
7 **Korrispondenza**
8 **Hwejjeg Ohra**
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghall-Wiehed u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

| | |
|---|---|
| 1 | **Talba** |
| 2 | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 30** |
| 3 | **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti** |
| 4 | **Rapport mis-Sotto Kumitat Gieh Sir Anthony Mamo** |
| 5 | **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 23** |
| 6 | **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti** |
| 7 | **Korrispondenza** |
| 8 | **Hwejjeg Ohra** |
| 9 | **Eghluq** |

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Din il-laqgha li kellha ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 2008 giet posposta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghal Hamis, 2 ta' Ottubru 2008 fis-6:30pm, gewwa l-ufficcju tal-Kunsill u bl-istess agenda.

Minuti tal-Wiehed-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 2 ta' Ottubru 2008 mis-6:30p.m. sat- 7.50p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw------Assenti imma Skuzata |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri---Assenti imma Skuzata |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, Roberto J. Buontempo, Dr. George Debattista u Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-Kunsilliera Joanne Borg dahlet fil-kamra fis-6:50pm. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : s-Sinjorina Charlene Camilleri u Mary Spiteri Shaw kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 30.**

Il-Minuti tat-Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati wara li l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg talbet korrezzjoni b'*item* 6.3 u l-Kunsillier s-Sur Michael Camilleri talab korrezzjoni f'*items* 7.11 u 7.12. Huma gew approvati b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghal *items* 7.2, 7.3, u item 3.1. Dwar *item* 7.2, hu qal li kien jaqbel mad-decizzjoni li ha l-Kunsill, filwaqt li dwar *item* 7.3 hu nforma lill-membri prezenti illi s-sitwazzjoni kienet giet irrimedjata min-naha tal-kuntrattur. Dwar *items* 7.5 u 7.6, Dr Debattista staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi. Dwar *items* 7.5 u 7.6 is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi l-Kunsill ghadu qed jistenna l-permessi mehtiega.

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghall-*item* 3.1. Hi rrimarkat dwar rampa tal-lastiku li kienet twahhlet gewwa Triq Dimech Debono. Hi sostniet li l-Kunsill m'ghandux ikompli jwahhal aktar rampi kull fejn jigu mitluba. Hi sostniet li dawn ghandhom jehlu hdejn skejjel, knejjes, muzewijiet, u f'toroq dojoq. Dwar dan qabel maghha wkoll il-Kunsillier Dr. George Debattista. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li r-rampi li twahhlu s'issa kienu saru fuq rakkomandazzjoni tal-Perit tal-Kunsill. Hu qal li l-Kunsill kien ircieva numru konsiderevoli ta' talbiet biex jitwahhlu numru ta' rampi madwar il-lokalita' liema talbiet ghadhom qed jinzammu pendenti. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li ghalissa t-twahhil ta' dawn ir-rampi jinsab wieqaf kemm minhabba kwistjoni ta' finanzi kif ukoll minhabba l-ADT.

## 4 Rapport mis-Sotto Kumitat Gieh Sir Anthony Mamo.

Qabel bdiet id-diskussjoni l-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qasmet kopja tar-rapport li kien hejja s-Sotto Kumitat. Saret diskussjoni fuq l-imsemmi rapport fejn il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg irreferit ghal-laqgha li hi kellha mas-Sindku, fejn is-Sindku kien issuggerilha li meta jitlesta x-xoghol tal-gnien ta' wara l-Knisja ta' Santa Liena, il-Gnien jissemma' ghal Sir Anthony Mamo. Il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt qalet li hi kienet ser tibda tahditiet mas-Sindku tal-Belt Valletta biex tigi ndirizzata l-proposta biex isir mafkar ta' Sir Anthony Mamo gewwa l-Belt Valletta. Il-Kunsillier Dr. George Debattista ssuggerixxa li mad-dar ta' fejn kien joqghod Sir Anthony Mamo isir nofs bust.

Hawnhekk dahlet fil-kamra il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Il-hin kien is-6:55pm

Hekk kif spiccat id-diskussjoni l-Vici Sindku ssuggerit illi l-Kunsill ghandu jikteb lill-Bord tat-Tiswija tat-Toroq fejn fost l-ohrajn ghandna nirringrazzjawk tas-suggeriment u parir li hu ta lill-Kunsill kif ukoll ngharrfuh bil-proposta li kien qed jaghmel il-Kunsill illi l-Gnien ta' wara l-Knisja ta' Santa Liena jissemma' ghal Sir Anthony Mamo. Is-Suggeriment tal-Vici Sindku li kien sekondat mis-Sindku ghadda bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista. Ir-rapport tas-Sotto Kumitat gie anness mal-minuti.

## 5 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 23

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 23 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. Qabel ma' giet approvata l-lista s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi fl-ahhar jiem kienet tkissret it-tram li hemm gewwa l-istazzjon. Hu qal li dan l-att kien twettaq fil-hin li ma kienx hemm *security*. Is-Sindku qal li hu ma kienx ta' l-opinjoni li l-Kunsill iwaqqaf is-servizz tas-sigurta' sakemm tinstab alternattiva ohra mal-Ministeru. Gie ssuggerit mis-Sindku illi t-tram ghandha tigi rrestawrata u titpogga fejn qabel kien hemm il-funtana. Fuq dak kollu li qal is-Sindku kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt issuggerit li t-tram ghandha titpogga gewwa speci ta' *showcase* li tkun mghammra b'alarm, filwaqt li l-Kunsillier Dr. George Debattista ssuggerixxa biex Gnien l-Istazzjonn jibda jinkera ghal attivitajiet diversi.

Is-Sindku nforma lill-membri prezenti li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-permessi tal-MEPA dwar il-kiosk li ghandu jitpogga fi gnien l-istazzjon kif ukoll dwar fejn ser tinbena l-binja li ser tittella' minflok il-kamra li qed tintuza mill-ELC

u minflokk it-*toilets*. Is-Sindku qal ukoll li f'dawn l-ahhar jiem il-Kunsill kien ircieva cekk ta' € 35000 mill-UIF. Is-Sindku rrefera wkoll ghall-izvilupp privat li qed isir gewwa Triq F.S. Caruana u semma' l-bzonn li jsir kanal ta' l-ilma li jaghti minn Sqaq Dun Perin ghal Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li jekk dan ma jsirx, ir-residenti li joqghodu f'dik il-parti ta' Triq FS Caruana jgherqu bl-ilma. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti biex isir ix-xoghol mehtieg,

Wara li l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 23 ġiet approvata kif gej. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier s-Sur Mark G. Abdilla.

*Items* mill-1 sal-153 eskluz items 3, 11, 22, 29, 31, 49, 50 u 51 gew approvati bi hdax-il voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista.

*Item* 31 fl-istess lista giet approvata b'ghaxar voti favur, xejn kontra, u astenzjoni wahda. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg astjeniet.

*Items* 3, 11, 22, 29, 49, 50 u 51 gew approvati b'ghaxar voti favur, xejn kontra, u astenzjoni wahda. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg astjena

**6 Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**

Il-listi tal-Flus Kontanti tal-perjodu mit-22/7/08 sat-28/8/08 u mid-29/8/08 sas-16/09/08 kienu tqassmu lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-listi gew approvati bi hdax-il voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, Dr Josianne Cardona Gatt, u Dr. George Debattista.

**7 Korrispondenza**

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda .

7.1 Ittri bid-data ta' l-10 ta' Settembru 2008 minghand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said. Dr. Said irringrazzja lis-Sindku, Vici Sindku, l-Kunsilliera u lis-Segretarju Ezekuttiv talli l-Kunsill ippartecipa fil-process ta' konsultazzjoni waqt laqgha li saret gewwa l-ufficcju tal-Kunsill nhar il-Gimgha 29 t'Awwissu 2008.

**8 Hwejjeg Ohra**

Qabel bdiet id-diskussjoni s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi l-Kunsilliera ghandhom ighaddu l-ilmenti taghhom direttament fl-ufficcju tal-*Customer Care* tal-Kunsill u mhux joqghodu jistennew il-laqgha tal-Kunsill. Hu qal li b'sehh minn laqgha ohra hu ma kienx ser jippermetti izjed dan.

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri semma illi fi Triq l-Imsida hemm xi grieden mejta.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg semma' l-bzonn li *hedging* li hemm fic-*central strip* ta' Triq Dun Karm ezattament kif tohrog minn Triq Tumas Fenech ghandu bzonn jinzabar. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li ser nghaddu dan l-ilment lill-ADT.

BIRKIRKARA

8.3 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ssuggerixxa li *zebra cross* li hemm fi triq Delicata tigi mmexxija 'l fuq. Hu fahhar ix-xoghol li sar fuq il-gibjun ta' Triq is-Salib Imqaddes. Hawnhekk is-sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li kienu ghaddejjin tahditiet mal-Ministeru ta' George Pullicino biex jigi ffirmat ftehim bejn iz-zewg partijiet fejn id-Dipartiment qabel li jaghmel *set off* ta' € 30747 li l-kunsill baqghalu jaghti fuq ir-restawr ta' l-akkwadott billi d-dipartiment jiehu l-ilma minn dan il-gibjun. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.4 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg infurmat lill-membri prezenti illi hi kienet avvicinata minn membri tal-UNESCO Malta fejn huma kienu qed jitolbu lill-Kunsill biex il-Kunsill jaghtihom il-permess biex il-*write up* li deher fil-magazine tal-Kunsill dwar Sir Anthony Mamo jigi nkluz fil-*magazine* taghhom. Dwar dan il-membri prezenti unanimament ma sabux oggezzjoni.

## 9 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien is-7.50pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**